Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,587A, 11 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 94 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-11 ta' Marzu 2021 u għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-11 ta' April 2021, iżżewġ dati inklużi:

Iżda dawn ir-regolament għandhom jibqgħu fis-seħħ wara din id-data għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda taħt dawn ir-regolamenti fir-rigward ta' xi ksur tal-Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku għandhom ikunu strettament osservati. A.L. 87 tal-2021.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa Pubblika; Kap. 465.

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Miżuri li jittieħdu mis-Suprintendent.

3. F'konformità mal-artikoli 27(ċ) u 29(1) tal-Att, is-Suprintendent b'dan qiegħda tippreskrivi miżuri li jissalvagwardjaw kontra u, jew jikkontrollaw il-marda infettiva COVID-19.

Għeluq ta' postijiet miftuħa għall-pubbliku. A.L. 87 tal-2021.

4. Kwalunkwe ordni maħruġa mis-Suprintendent għall-għeluq ta' postijiet miftuħa għall-pubbliku skont l-Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku għandhom ikunu strettament osservati.

Reati u pieni.

5. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' sitt elef euro (€6,000) għal kull darba mill-okkażjonijiet li l-Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku jiġi miksur. A.L. 87 tal-2021.